SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU**

Illum il-Ħamis, 19 ta' Mejju 2011
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.30p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa'.

**ASSENTI**

Il-Viċi Sindku Joseph Balzan skużat għax kien jinsab indispost.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MESSAĠĠ MILL-VIĊI SINDKU**

Is-Sindku qara *e-mail* li bagħt il-Viċi Sindku fejn irringrazzja lil membri tal-Kunsill u l-i*staff* ta' l-appoġġ li wrew fil-konfront tiegħu kemm dam l-isptar. Il-Kunsillier Joseph Bonello ingħaqad ma' dan il-messaġġ biex irringrazzja hu wkoll lil Kunsill ta' l-appoġġ waqt li kien jinsab rikoverat l-isptar.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 5211 li saret nhar il-Ħamis, 14 ta' April 2011 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Rampa fi Pjazza 7 ta’ Lulju*

Il-Kunsillier Bonello rrefera għal minuta 1.1.2 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp f’dan ir-rigward. Is-Sindku wieġeb li kien kellem lil kuntrattur dwar ir-rampa li min-naħa tiegħu ser jirranġa.

### 1.1.2 *Xogħol ta’ Major Patching fi Triq Katerina Vitale*

Is-Sindku nforma li fir-rigward tar-rapport li ħareġ dwar ix-xogħol ta’ *major patching* li sar fi Triq Katerina Vitale il-perit għandha tiċċekja t-tabella tar-rati ta’ tnaqqis li għandha Transport Malta.

### 1.1.3 *Joint Youth Project*

Is-Sindku rrefera għal minuta 4.1 tal-laqgħa preċedenti u qal li fir-rigward tal-*Joint Youth Project*, il-partners Ċiniżi ma bagħtux id-dokumenti neċessarji fil-ħin.

### 1.1.4 *Żjara fil-Comune di Gabiano*

Is-Sindku rrefera għal minuta 4.3 u għaż-żjara li hu flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Bonello u Gafa` għamlu f’Gabiano. Huwa qal li din kienet suċċess. Semma li l-prodotti Maltin li tellgħu magħhom intoġbu ħafna mit-Taljani. Huwa qal li l-inbid lokali kkompeta tajjeb ħafna ma’ l-inbid ta’ Monferrato tant li saħansitra ġie fit-tieni post waqt festival ta’ l-inbid li sar f’Gabiano. Huwa kompla jgħid li kellhom l-opportunita’ jaraw proġett ta’ enerġija solari li sar f’Gabiano li kapaċi jipproduċi 80 KW fis-siegħa. Huwa qal ukoll li dawn lesti li jgħinu lil Kunsill f’proġetti simili peress li wieħed mill-Kunsillieri ta’ Gabiano huwa espert f’dan il-qasam.

## 2. KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-14 ta’ April 2011 u d-19 ta’ Mejju 2011 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 29/04/11 – Ministeru ta' l-Edukazzjoni – Librerija Pubblika
- 519/11/O – GAL XlOKK - *Membership*
- 583/11/O – Enemalta – Dawl ġdid fi Triq ir-Rand
- 608/11/O – Awtorita' tad-Djar – *Health Fitness Programme*

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 491/11/I – Paul Vella Critien – *Part payment*
- 537/11/I - GAL XLOKK – *Membership Fee*
- 552/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP
- 554/11/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *Group Health Policy*
- 570/11/I – Reġjun Nofsinhar – sistema tal-gwardjani lokali
- 571/11/I – Awtorita' tad-djar – Skema: Manutenzjoni tal-komun tal-Binjiet tal-Gvern
- 575/11/I – Joseph Gaffarena – *Vintage Car Show*
- 576/11/I – Fondazzjoni Oasi – Żgħażugħ/a tas-Sena
- 592/11/I – Clifford Vella – Kola *Windmill*
- 597/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema ta' għajnuna finanzjarja – *Lifelong Learning*
- 603/11/I – Paul Vella CritIen - Spejjeż addizzjonali
- 611/11/I – Joseph Gaffarena – *Vintage Car Show*

## 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- *SLLC Memo* 07/2011 – Xogħol ta' manutenzjoni fil-5-*a-side football pitch*
  -Xogħol ta' manutenzjoni fil-*premises* tal-librerija pubblika

- *SLLC Memo* 08/2011 – Sparar tal-Festa
- *SLLC Memo* 09/2011 – Skultura tal-ħamsin anniversarju
- *SLLC Memo* 10/2011 – Korsijiet tal-*Computer*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 491/11/I u 603/11/I il-Kunsill iddiskuta talba li saritlu mill-artist li qed jagħmel l-iskultura li ser tiġi inawgurata fl-okkażjoni tal-50 anniversarju tat-twaqqif tal-lokalita' u komunita' ta' Santa Luċija. Is-Sindku rrefera għal *memo* li kienet intbagħtet fir-rigward ta' talba għal *part payment* ta' €2000 li tkopri parti mill-ispejjeż involuti fl-ipproċessar ta' din l-iskultura. Il-Kunsill ma kellu ebda oġġezjoni għal din it-talba. Is-Sindku qal ukoll li permezz ta' din il-korrispondenza bin-numru 303/11/I l-iskultur ta spjegazzjoni ta' kif l-ispejjeż għolew ħafna minn dak inhar li kien ħareġ il-kwotazzjoni, tmintax-il xhar ilu. Għaldaqstant huwa talab lil Kunsill biex ikopri l-ispiża ta' l-i*steel structure* li tammonta għas-somma addizzjonali ta' €900. Il-Kunsill approva din it-talba.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 519/11/O u 537/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet intbagħtet *e-mail* lil Manager ta' Gal Xlokk fejn il-Kunsill talab informazzjoni dwar il-proċedura biex wieħed isir membru f'din l-għaqda biex b'hekk ikun jista' jipparteċipa fil-programm ta' l-Unjoni Ewropea LEADER. Is-Sindku qal li fit-tweġiba li rċieva l-Kunsill jidher li l-*membership fee* hija ta' €1000 għal kull membru tal-Kunsill li fil-każ tal-Kunsill ta' Santa Luċija tammonta għal €5000.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 552/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien talab lil Kunsill biex jerġa' joħroġ sejħa għall-offerta għal xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP wara li għall-ewwel sejħa l-ebda kuntrattur ma kien tefa' offerta. Huwa qal li filfatt is-sejħa ħarġet u tagħlaq nhar it-Tnejn, 13 ta' Ġunju 2011.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 554/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar il-*Group Health Policy* l-ġdida li ġiet imġedda mal-Middlesea Insurance p.l.c. u qal li hemm xi titjib f'xi benefiċċji.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 570/11/I is-Sindku qal li ser jieħu ħsieb korripondenza fejn il-Kunsill Lokali qed jintalab jgħaddi lir-reġjun il-mistoqsijiet li għandu dwar is-sistema tal-gwardjani lokali.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 571/11/I u 608/11/O is-Sindku rrefera għall-iskema 2 ta' l-Awtorita' tad-Djar u nforma l-Kunsill li qed isiru laqgħat ma' l-amministraturi ta' dawk il-binjiet li fuqhom ser isir xogħol intensiv ta' manutenzjoni. Huwa qal li waqt dawn il-laqgħat qed jiġi identifikat ix-xogħol li hemm bżonn isir. Is-Sindku rrefera wkoll għall-iskema 1 u qal li ġie ffinalizzat il-programm ta' *Health and Fitness* u ser jinħareġ l-avviż għal pubbliku.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 575/11/I u 611/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li s-Sur Joseph Gaffarena xtaq li jerġa' jorganizza *Vintage Car Show* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2011. Huwa qal li din is-sena fost attivitajiet oħra ser ikun hemm żewġ ambulanzi mis-Saint John blood Unit għal min jixtieq jagħti d-demm. Il-Kunsill qabel li jieħu ħsieb jordna s-servizz ta' żewġ pulizija u *barriers* għal din l-attivita'.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 576/11/I dwar l-avveniment 'Żgħażugħ tas-Sena' organizzat mill-Fondazzjoni Oasi, il-Kunsill qabel li javża lil għaqdiet lokali dwar din l-inizjattiva.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 592/11/I il-Kunsill qabel li għalissa ma jixtriex aktar kotba għal-librerija pubblika qabel ikun jaf eżatt x'kotba għandu bżonn.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 597/11/I il-Kunsill iddiskuta l-proposta ta' *memo* 44/2011 - *Life Long Learning* u qabel li huwa nteressat fil-korsijiet li jidhru f'Sezzjoni A.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Talba għal dawl ġdid*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar talba biex issir lampa bil-*bracket* f'passaġġ fil-wied li jgħati għal residenza li fiha tgħix persuna b'diżabilita'. Il-Kunsill qabel li jilqa' din it-talba u jressaq talba lil Enemalta għal din il-proposta.

### 4.2 *Servizz ta' Inġinier*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' servizz ta' Inġinier għal preparazzjoni tal-parti teknika tas-sejħa għall-offerti tal-proġett ta' sistema ta' LED *lighting* fil-Jogging Track.

### 4.3 *Isle Pact Project*

Il-Kunsill kien infurmat li l-Kunsillier Joe Bonello attenda seminar organizzat minn Paragon Europe dwar '*Isle Pact Project'* li għandu l-għan li jnaqqas 20% ta' l-emissjonijiet tas-C02 sa l-2020. Is-Sindku qal li bl-iffirmar tal-Patt tal-Gżejjer il-Kunsill jista' jibbenefika minn fondi biex isiru studji fuq proġetti ambjentali.

### 4.4 *LES*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li r-rata għas-servizz tal-warden li għandu l-Kumitat Konġunt ser tgħola b'€1. Huwa qal li dan il-kuntratt skada għaldaqstant sar dan l-aġġustament li ser jiġi mġedded xahar xahar sakemm is-sistema ta' l-infurzar lokali tgħaddi f'idejn ir-Reġjun.

## 4.5 *Żbir ta' Siġar*

Il-Kunsillier Joe Bonello qal li fi Triq l-Istefanotis hemm siġra tat-tin li qed tesporġi fuq il-bankina. Is-Sindku qal li dak li jesporġi irid jinqata' u l-Kunsill joffri dan is-servizz. Huwa qal ukoll li trid issir applikazzjoni biex fi Triq il-Ġnien jinqalgħu xi siġar li l-għeuq tagħhom qed jagħmlu l-ħsara fil-wiċċ tat-triq.

# 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

## 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3544 sa numru BOV3562 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' April (CM53).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbatgħet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 5411.

## 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' April 2011 Ammont *Gross* *€5000.34*

## 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | April 11<br>PABX | 78.80 |
| Cleansing Services Dept. | PC57 | April 11 | 491.35 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Signs/Mkgs* | 14482 | 7.75 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | April 11 | 2061.50 |

## 6. 50 ANNIVERSARJU TAL-LOKALITA' TA' SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill iddiskuta l-programm ta' l-attivitajiet li qed jiġu organizzati bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mit-twaqqif tal-komunita' ta' Santa Luċija. Is-Sindku qara l-programm tas-7 ta' Lulju li kien jinkludi quddiesa kommemorattiva, kxif ta' l-iskultura taċ-ċeramika u wara serata ta' talent. Il-Kunsill qabel li dan il-programm huwa twil wisq u għandu jinqasam fuq jumejn. L-ewwel serata tkun tinkludi l-quddiesa, il-kxif ta' monument u riċeviment, filwaqt li t-tieni serata tkun iddedikata lejn it-talent lokali. Il-Kunsill iddiskuta wkoll lista ta' mistiednin distinti fl-ewwel serata li għandha wkoll tkun miftuħa għal pubbliku. Il-Kunsill qabel ukoll li jkun bix-xieraq li l-Kappillani kollha li taw is-servizz f'din il-lokalita' f'dawn il-ħamsin sena jiġu mistiedna biex jingħaqdu mal-Kappillan Father Ivan Scicluna biex jiċċelebraw il-quddiesa kommemorattiva li ser tiftaħ il-programm ta' l-attivitajiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel fuq il-lista tal-mistednin għal din l-attivita'.

## 7. KWOTAZZJONI Q(57/11/01) U Q(57/11/02)

### 7.1 *Kwotazzjoni Q(57/11/01)*

Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjonijiet li ntefgħu fir-rigward ta' l-offerta bir-referenza Q(57/11/01) għal xiri u twaħħil ta' erba' *floodlights* fil-5-*a-side football pitch*. Għal din is-sejħa il-Kunsill irċieva dawn il-kwotazzjonijiet:

| | INDIRIZZ | AMMONT | RIMARKI |
|---|---|---|---|
| Trancient Light and Sound | "Francarm", St. John Street, Għargħur | €2,435.52<br>€2,312.80 | - *Option* 1<br>- *Option* 2 |
| Light and Shade | Jador, Għaxaq Road, Gudja | €2,621.96<br>€3,658.00 | - *Option* A<br>- *Option* B |
| Brighter Solutions Ltd. | 2/3, Tal-Balal Road, Xwieki L/O Għargħur | € 4,597.79 | |
| Nexos Street Lighting | 299/301, Triq Merħba, Fgura | € 5,494.00 | |
| MCE Limited | MCE House, Triq l-Industrija, Qormi QRM3001 | € 8,260.00 | |

Il-Kunsill iddeċieda li jikkunsidra dawk l-offerti biss li huMa ekwivalenti għall-fondi li ser jingħata l-Kunsill taħt l-iskema dwar proġetti ta' enerġija alternattiva. Peress li l-informazzjoni fuq dawn il-kwotazzjonijiet hija waħda teknika l-Kunsill qabel li jitlob parir ta' Inġinier dwar l-aħjar offerta minn dawk li jistgħu jiġu kkunsidrati skond il-flus disponibbli għal dan il-proġett.

### 7.2 *Kwotazzjoni Q(57/11/02)*

Il-Kunsill iddiskuta żewġ kwotazzjoni li ntegħfu fir-rigward ta’ l-offerta Q(57/11/02) għall-istampar tal-*brochure* ta’ Ġnien is-Serenita’. Il-kwotazzjonijiet kienu kif ġej:

| | ADDRESS | AMOUNT | REMARKS |
|---|---|---|---|
| Veritas Press | 2, Ġanni Bonavia Street, Zabbar | € 577.50 | VAT included |
| Union Print | A41, Marsa Industrial Estate, Marsa | € 440.00 | VAT included |

Il-Kunsill għażel l-orħos offerta.

## 8. PROĠETTI

### 8.1 *5-a-side football pitch*

s-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li sar fuq il-5-a-side football pitch u qal lid an issa għandu wicc tat-turf ġdid. Huwa qal lid an sar mill-Malta Football Association u għanda tintbagħt ittra ta’ ringrazzjament lil-President s-Sur Norman u lis-sur Ivan Mizzi. Is-sindku rringrazzja wkoll lil Uffiċċjali tan-Nursery li tħabtu biex dan setgħa jseħħ.

Is-Sindku qal ukoll li għandu nformazzjoni li l-Malta Football Association għandhom proġett ieħor fl-area tal-football ground. Huwa qal li jekk dan hu minnu il-Kunsill irid jiġi kkonsultat ħalli tiġi ndirizzata l-problema ta’ parking.

### 8.2 *Librerija Pubblika*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien kiteb lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni Impjieġ u l-Familja dwar il-proġett tal-librerija. Huwa qal li diġa ġew rappreżentanti tal-librerija nazzjonali biex jikkordinaw dan il-proġett. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jingħata €1000 f’kotba u erba’ siegħat servizz ta’ librar fil-ġimgħa. Fir-rigward ta’ l-ixkaffar huwa qal li l-Kunsill joħroġ biss l-ispiża ta’ l-injam. Is-Sindku qal li ser isir ix-xogħol ta’ l-elettriku u tibjid u tqegħid tal-madum. Huwa qal ukoll li hemm bżonn is-servizz ta’ l-internet għax il-kotba li ser ikun hemm ser ikunu fuq *international network*.

## 8.3 *Tea Room*

Il-Kunsill qabel li jipproċedi bil-proġett tat-Tea Room. Is-Sindku qal li issa l-Kunsill irid jieħu parir dwar kif ser isir dan il-proġett. Huwa qal li l-Kunsill irid jara jekk l-iżvilupp propost iridx isir mill-Kunsill u wara toħroġ sejħa għal kiri tal-Pavilon.

## 8.4 *Resurfacing ta' toroq bl-iskema tal-PPP*

Is-Sindku rrefera għax-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Ineż Soler, Triq Ġuljetta Lopez u Triq il-Ġnien taħt l-iskema tal-PPP. Huwa qal li l-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-ilma għandha xi xogħolijiet li jridu jsiru fit-toroq imsemmija. Huwa kompla jgħid li l-ispiża tas-*civil works* iridu jitħallsu mill-Kunsill u dawn huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Triq Ineż Soler | €1,020.18 |
| Triq Ġuljetta Lopez | € 816.71 |
| Triq il-Ġnien | €7,368.72 |

Fil-kummenti tiegħu s-Sindku qal li jħoss li din il-proċedura, li l-Kunsill iħallas għas-*civil works* fuq xogħol li jkollha bżonn tagħmel fit-toroq il-Korporazzjoni ta' l-ilma, mhiex tajba. Huwa qal li wara kollox il-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-ilma titħallas talli tagħti s-servizzi tagħha lir-residenti u l-Kunsill ma jieħu xejn.

## 9. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.45p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 21 ta' Ġunju 2011 fis-1.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** it-Tlieta, 21 ta' Ġunju 2011

**Frederick Cutajar**
**Sindku**